31990D0024

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tat-12 ta' Jannar 1990
li tirrigwarda l-konklużjoni finali, f'isem tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, tal-Ftehim Qafas għal koperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Repubblika ta' l-Islanda

(90/24/Euratom)

IL-KUMMISSJONI TA' KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u partikolarment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 miġjub fih,

Billi l-Ftehim Qafas għal koperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Repubblika ta' l-Islanda ġie ffirmat fit-30 ta' Ottubru 1989;

Billi bid-Deċiżjoni tad-19 ta' Ġunju 1989, il-Kunsill approva dan il-Ftehim Qafas għall-għanijiet ta' konklużjoni finali mill-Kummissjoni f' isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika;

Billi dan il-Ftehim Qafas għandu jiġi konkluż finalment f' isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim Qafas għal koperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Repubblika ta' l-Islanda huwa finalment hawn hekk konkluż f isem tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

Artikolu 2

Il-President tal-Kummissjoni għandha tagħti n-notifika provvduta fl-Artikolu 12 tal-Ftehim Qafas f'isem il-Komunità Ewropeja dwar l'Atomika.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Jannar 1990.

F' isem il-Kummissjoni

Jacques DELORS

Il-President